



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' April 2020
(OR. en)

7575/20

COAFR 118
CFSP/PESC 322
COHAFA 18
COHOM 34
DEVGEN 48

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Sudan t'Isfel
- konklużjonijiet tal-Kunsill (30 ta' April 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan t'Isfel, adottati bi proċedura bil-miktub fit-30 ta' April 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan t'Isfel

1. L-UE tilqa' l-formazzjoni tal-Gvern Transitorju għar-Rivitalizzazzjoni tal-Unità Nazzjonali (R-TGoNU) bħala pass ewlieni lejn paċi dejjiema kif ukoll żvilupp inklużiv u sostenibbli fis-Sudan t'Isfel. L-elezzjonijiet ġenerali li ser isiru fl-aħħar tal-perijodu transitorju ser ikunu pass ieħor lejn l-istabbiltà. Il-Gvern ta' unità l-ġdid ser ikollu juri spirtu b'saħħtu u sinċier ta' kollaborazzjoni biex iġib is-sigurtà u l-istabbilizzazzjoni, jippromwovi r-rikonċiljazzjoni u l-ġustizzja tant meħtieġa, u jipprovdi servizzi bażiċi essenzjali lill-poplu tas-Sudan t'Isfel. F'dan ir-rigward, il-ħatra rapida tal-gvernaturi tal-istat u l-gvernijiet lokali ser tkun importanti.
2. L-UE tfaħħar l-impenn tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) u l-Istati Membri tagħha kif ukoll l-Unjoni Afrikana (UA), li kienet kruċjali fil-proċess politiku li wassal għall-formazzjoni tal-R-TGoNU u ser tibqa' strumentali biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim ta' paċi.
3. Ir-rispett sħiħ tal-Ftehim dwar il-Waqfien mill-Ostilitajiet ta' Diċembru 2017 huwa imperattiv. F'dan il-kuntest, l-UE tappoġġa l-proċess iffaċilitat mill-Komunità ta' Sant'Egidio biex jinholq ambjent li jwassal għad-djalogu u tinkiseb l-inklużività billi il-proċess ta' paċi jikseb l-appoġġ tal-partijiet li mhumix firmatarji. It-twettiq tal-arranġamenti ta' sigurtà, inkluż l-unifikazzjoni jew id-demobilizzazzjoni tal-eks ġellieda kollha, għandu jkollu l-għan primarju li jiżgura s-sikurezza u s-sigurtà għaċ-ċittadini kollha, irrispettivament mill-affiljazzjoni politika jew etnika tagħhom. L-UE tilqa' l-iffirmar tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv mill-partijiet tal-R-TGoNU biex jintemm u jiġi evitat kull ksur serju kontra t-tfal, u jistenna b'interess l-implimentazzjoni rapida tiegħu. L-UE tappella lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex iġedded l-embargo fuq l-armi u tenfasizza l-ħtieġa li jiġi infurzat.

4. Proċess inklużiv ta' tfassil ta' kostituzzjoni u tħejjijiet ta' elezzjonijiet ħielsa u kredibbli huma essenzjali biex tissaħħaħ id-demokrazija u l-governanza tajba. Spazju demokratiku u ċiviku għandu jkun garantit u l-ġurnalisti, ħaddiema oħra tal-media, is-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu jistgħu joperaw liberament, inkluż billi jipparteċipaw fid-dibattitu pubbliku. Huwa essenzjali li jiġi żgurat ukoll spazju politiku għaż-żgħażaġh, li kellhom rwol importanti fil-proċess ta' paċi.
5. L-inklużjoni effettiva tan-nisa fil-proċess globali ta' paċi u ta' tfassil ta' kostituzzjoni hija kruċjali. L-UE tilqa' l-ħatra tan-nisa f'diversi portafolli ministerjali ewlenin u tappella lill-Gvern biex jiżgura mill-inqas 35 fil-mija tan-nisa f'kull livell ta' gvern, b'mod konsistenti mal-impenji tal-ftehim ta' paċi. Perspettiva tas-sessi għar-riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali ser tkun ċentrali għas-suċċess tal-ftehim ta' paċi.
6. Aktar minn nofs il-popolazzjoni għandha insigurtà alimentari serja u żewġ terzi għandhom bżonn urġenti ta' assistenza umanitarja abbażi ta' prinċipji. It-theddida tal-frieħ tal-grad (locust swarms) tpoġġi lin-nies f'aktar riskju. Il-Gvern għandu jiggarrantixxi s-sikurezza u s-sigurtà għall-ħaddiema umanitarji u l-aċċess umanitarju mingħajr xkiel fil-pajjiż kollu, u joħloq il-kundizzjonijiet għal ritorn volontarju, sikur, sostenibbli u dinjituż tar-refuġjati u tal-persuni spostati internament. Il-baġit nazzjonali allokat għall-forniment ta' servizzi bażiċi, speċjalment is-saħħa u l-edukazzjoni, għandu jiżdied.
7. Aktar responsabbiltà u trasparenza, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-aderenza mal-istandards finanzjarji internazzjonali huma mistennija mill-Gvern il-ġdid biex ipoġġi lis-Sudan t'Isfel fuq perkors lejn paċi u żvilupp sostenibbli u inklużiv. Il-ftehim ta' paċi jiddeskrivi r-riformi finanzjarji u ekonomiċi li għandhom jitwettqu kif ukoll l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Verifika indipendenti hija wkoll meħtieġa sabiex tinkiseb il-fiduċja tan-nies u tas-sħab internazzjonali.

8. Il-ksur mifruż tad-drittijiet tal-bniedem u l-kultura ta' impunità jridu jintemmu. L-UE tinsab lesta li tadotta aktar miżuri restrittivi jekk dawn jibqgħu jseħħu jew jekk il-proċess ta' paċi jiġi pperikolat. Persuni involuti fi vjolenza sesswali u sessista marbuta ma' kunflitt iridu jinżammu responsabbli. L-UE tappoġġa bil-qawwa l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet ta' ġustizzja transizzjonali u thegġegħ lill-Gvern biex jistabbilixxi l-mekkaniżmi previsti mill-ftehim ta' paċi, b'mod partikolari biex tkun minn ta' quddiem fit-twaqqif ta' Qorti Ibrida għas-Sudan t'Isfel. L-impenn mill-UA b'appoġġ għal dawn l-isforzi jibqa' kruċjali.
9. L-UE hija determinata tkompli tappoġġa lill-poplu tas-Sudan t'Isfel fit-tfittxija tiegħu għall-paċi u l-prosperità. L-UE tirrikonoxxi l-iskeda ta' żmien ambizzjuż ta' implimentazzjoni tal-kapitoli tal-ftehim ta' paċi. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-UE thegġegħ lill-Gvern biex jiżviluppa qafas komprensiv ta' responsabbiltà reċiproka dwar il-kooperazzjoni futura mas-sħab internazzjonali, li jorbot flimkien il-paċi, is-sigurtà, il-ġustizzja u s-servizzi bażiċi. F'dan ir-rigward, l-UE tinsab lesta li ssaħħa l-appoġġ tagħha għall-R-TGoNU meta jinkisbu riżultati politiċi ġenwini u konkreti.
10. Ir-riskji tal-pandemija tal-COVID-19 ta' bħalissa għandhom konsegwenzi umanitarji u ekonomiċi estensivi li jistgħu jheddu l-istabbiltà l-ġdida. Il-R-TGoNU ħa xi miżuri preventivi; huwa kruċjali li jinżamm bilanċ bejn it-tnaqqis tat-theddida għas-saħħa pubblika u li n-nies jitħallew ikompli bl-għajxien tagħhom. . Jintlaqgħu tajjeb il-kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, in-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Afrikana, iċ-Ċentri Afrikani għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard (CDC Africa) u entitajiet reġjonali oħra. L-UE ttenni s-solidarjetà tagħha mal-poplu tan-Nofsinhar tas-Sudan u qed tappoġġa l-isforzi li għaddejjin, inkluż il-ħidma bla waqfien tal-ħaddiema umanitarji.